# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

**Seduta tat-Tnejn, 13 ta' Marzu, 2017**

**Rikors Numru: 2/2013JPG**

**Kawza Numru: 24**

**Paul Busuttil (ID 519440M),**
**Carmel Busuttil (ID 936650M),**
**Paul Busuttil (ID 214154M),**
**Joseph Busuttil (ID 691257M),**
**Manuel Busuttil (ID 117667M),**
**Paul Richard Busuttil (Numru tal-passaport 207710237),**
**Joan mart Emanuel Camilleri (ID 508856M),**
**Paul Zammit (ID 714457M),**
**Joan Busuttil (ID 711758M),**
**Raymond Busuttil (ID 770661M),**
**Emanuel Busuttil (ID 207068M)**
**u b'digriet tal-10 t'Ottubru,**
**2013 Paul Busuttil (ID 589460M)**
**gie mizjud bhala attur.**

**vs**

**Francis Vella (ID 26927M) u Victor Vella (ID 201131M)**
**u b'digriet ta' 30 ta' Jannar 2017 l-atti ta' Victor**
**Vella gew trasfuzi f'isem uliedu Josepha Chircop,**
**Mary Facciol, Victor Vella u Jane Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Paul Busuttil et datat 4 ta' Jannar 2013, li jaqra hekk:

*" Jesponu bir-rispett u bil-gurament jigi kkonfermat minn Paul Busuttil (ID 519440M)*

*Illi l-esponenti Paul Busuttil huwa t-tifel ta` Emanuel Busuttil mentri l-komparenti l-ohra huma n-neputijiet tieghu, cioe` ulied uliedhu, u lkoll li huma huma eredi universali tal-istess Emanuel Busuttil li miet intestat fis-27 ta` April 1979.*

*Illi Marianna mart l-imsemmi Emanuel Busuttil mietet qablu fis-6 ta` Marzu 1978, ukoll intestata.*

*Illi l-esponenti wirtu minghand l-imsemmija Emanuel u Marianna konjugi Busuttil sehem ta` nofs indiviz ta` porzjoni art fil-limiti ta` Hal Safi maghrufa bhala Ta` Wara San Pawl ta` kejl superficjali l-klawsura intiera ta` cirka tmien mondelli ekwivalenti ghal 1498.80 $m^2$ u tikkonfina minn Nofsinhar ma` beni tal-istess konjugi Busuttil, mit-Tramuntana ma` beni ta` Don Giovanni Vella u mill-Punent ma` beni ta` Francesco Vella u mill-Lvant ma` beni ta` Pawlu Vella jew rjieh verjuri.*

*Illi l-imsemmija konjugi Emanuel u Marianna Busuttil kienu akkwistaw dan s-sehem ta nofs indiviz f'din il-proprjeta` matul iz-zwieg taghhom permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Ettore Francesco Vassallo tat-8 ta` Awwissu 1934 (Dokument A).*

*Illi minn informazzjoni li ghandhom l-esponenti jidher illi n-nofs indiviz l-iehor kien jappartjeni lil certu Monsignur Francesco Vella li miet fil-11 ta Novembru 1913 u skond kuntratt ta divizjoni fl-atti tan-Nutar Francesco Farrugia tal-15 ta' Settembru 1914 (Dokument B), dan n-nofs indiviz gie assenjat lin-neputi tieghu li kien jismu wkoll Francesco Vella (bin Gio Maria Vella li jigi hu l-imsemmi Monsignur).*

*Illi l-konvenuti qed jsostnu li s-sehem ta Francesco Vella (bin Gio Maria) intiret minn ibnu Savior Vella liema Saviour Vella qed jinghad li huwa missier l-konvenuti, u li dan miet fil-7 ta Frar 1981 ghalkemm l-esponenti,*

*'ghandhomx prova cara u konklussiva dwar din l-premessa minkejja illi l-imsemmi Emanuel Busuttil kien jhallas qbiela ta' Lm1 fis-sena ghal dan in-nofs indiviz.*

*Illi parti minn din l-art giet esproprijata biex issir Triq.*

*Illi l-esponenti ma jridux jibqghu iktar f'dan l-istat ta kompropjeta.*

*Ghaldaqstant ighidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex tiddikjara:*

1. *Illi l-art fuq imsemmija hija l-istess art indikata kemm fil-kuntratt fuq imsemmi tal-1934 kif ukoll fil-kuntratt fuq imsemmi tal-1914, tappartjeni kwantu ghal nofs indiviz lis-successuri fit-titolu ta` Francesco Vella (bin Gio Maria) u n-nofs indiviz l-iehor lill-atturi bhala successuri fit-titolu ta` Emanuel u Marianna Busuttil.*

2. *Tiffissa u tistabillixxi s-successuri fit-titolu tal-imsemmi Francesco Vella (bin Gio Maria).*

3. *Tistabilixxi kif ghandu jinqasam r-rikavat tal-kumpens spettanti lis-sidien ghal-espropju fuq imsemmi.*

4. *Taqasm l-kumplament tal-propejta f'zewg porzjonijiet, porzjoni spettanti bhala successuri fit-titolu ta Emmanuel u Marianna Busuttil u porzjoni spettanti lill-persuni stabbiliti fit-tieni talba.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat id-digriet tal-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2013 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-14 ta' Frar, 2013;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Vella (Vide fol 33) datata 18 ta' Marzu, 2013 li taqra hekk:

*"Jesponu bir-rispett u Francis Vella (ID 26927M) bil-gurament jikkonferma:*

L-Eccezzjonijiet

1. *Preliminarjament, l-atturi kollha, u individwalment, ghandhom jippruvaw l-interess guridiku taghhom fl-azzjoni proposta minnhom.*

2. *Il-preskrizzjoni trentennali a tenur ta' l-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *In-nuqqas ta' titolu tal-atturi ghall-proprjeta' in kwistjoni.*

4. *Illi f'kull kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.*

5. *Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi."*

Rat id-digriet tal-Qorti tat-28 t'Ottubru, 2010 fejn giet mahtura Dr Yvette Cassar bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tigbor il-provi u l-kontro-ezamijiet tal-partijiet. (Vide Fol 66).

Rat id-digriet taghha tas-27 t'Ottubru, 2014 li permezz tieghu gie nominat Dr Michael Camilleri bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jinstemghu x-xhieda ta' Francis u Victor Vella u dana invista tal-eta avvanzata taz-zewg xhieda. (Vide Fol 192).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 27 ta' Jannar, 2017 (Vide Fol 235);

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Jannar, 2017 fejn id-difensuri tal-partijiet informaw lill-Qorti li tista' tghaddi ghas-sentenza fuq il-binarji tar-rikors kongunt, a Fol 248;

Rat in-nota tal-konvenuti tat-13 ta' Marzu 2017 li permezz taghha, filwaqt li "rtiraw il-hames (5) eccezzjonijiet taghhom kif dedotti a fol 33 tal-process", ammettew li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fis-sens kontemplat fir-rikors konguntiv.

**Ikkonsidrat:**

Ghalqastant premess illi:

1. Illi Paul Busuttil (ID 519440M), Carmel Busuttil (ID 936650M) Paul Busuttil (ID 214154M), Joseph Busuttil (ID 691257M), Manuel Busuttil (ID 117667M), Paul Richard Busuttil (Passport 207710237), Joan Camilleri (ID 508856M), Paul Zammit (ID 714457M), John Busuttil (ID 711758M), Raymond Busuttil (ID 770661M), Emanuel Busuttil (ID 207068M) u Paul Busuttil (ID 589460M) huma atturi f'din l-kawza ("**l-atturi**")

2. Illi Francis Vella (ID 26927M) u wlied l-mejjet Victor Vella (ID 201131M) u ċjoe Victor Vella (275569M), Josepfa mart Mario Chircop (545062M), Maria mart Mario Facciol (297664M) u Jane mart Raymond Bonnici (345273M) huma konvenuti f'din l-kawza ("**il-konvenuti**")

Il-partijiet iddikjaraw u ippremettew:

1. Illi huma partijiet f'din l-kawza li hija rigwardanti porzjoni art fil-limiti ta' Ħal Safi magħrufa bħala "Ta' Wara San Pawl" ta' kejl superfiċjali ta' ċirka 1699$m^2$ u tikkonfina min-Nofsinhar ma' beni tal-atturi Paul Busuttil u oħrajn, mit-Tramuntana ma' beni ta' Giovanni Vella u mill-Punent ma' beni ta' Francesco Vella u mil-Lvant ma' beni ta' Pawlu Vella, jew rjieħ verjuri.

2. Parti minn din l-art illum hija propjeta tal-Gvern ta' Malta wara d-dikjarazzjoni Presidenzjali tat-13 ta Gunju 2007 publikata fil-Gazzetta tal-Gvern permezz ta' avviz numru 699 fil-gazzetta tal-Gvern tat-2 t'Awwissu

2007 izda l-partijiet għandhom d-drittijiet rejali ta' kumpens u dan kif stabbilit fl-art. 22 (8) tal-Kapitolu 88. L-art hekk esproprijata fiha kejl ta erba' mija u sebgħin metri kwadri (470m²) konfinanti mill-Majjistral ma' Triq in-Nassab, Lbic Grigal ma propjeta ta' Manuel Busuttil jew rjieħ verjuri u tinsab immarkata bl-aħmar bħala plot numru wieħed (1) fil-pjanta immarkata bl-ittri "P.D." u numru 2007_65 mizmuma mid-Dipartiment tal-Artijiet u publikata fl-imsemmija Gazzetta tal-Gvern. (minn issa 'l quddiem msejħa "l-art esproprijata"). Din l-propjeta hija hawn taħt indikata bħala l-Porzjoni C

3. Illi **Gian Maria sive Ġamri Vella** kien s-sid oriġinali. Huwa kellu zewġt itfal, **Francesco** u **Gaetano**.

4. L-konvenuti huma s-suċċessuri fit-titolu ta' Francesco Vella

5. L-atturi huma successuri fit-titolu ta' Gaetano Vella

6. Illi l-atturi huma l-ko-propjetarji ta` nofs indiviz ta` din l-ghalqa kif ser jingħad:

    a) Gaetano Vella (bin Gian Maria sive Ġamri Vella) interet minn bintu Rosaria mart Andrea Vella.

    b) Rosaria Vella mart Andrea mietet fit-13 ta' Diċembru 1933 u b'testment in Atti Nutar Ettore Francesco Vassallo tal-23 ta Novembru 1933 hija ħalliet lil żewġha Andrea bħala eredi universali.

    c) Andrea Vella biegħ in-nofs indiviz tal-art in kwistjoni lil Emanuel u Marianna konjuġi Busuttil permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Ettore Francesco Vassallo tat-8 ta Awwissu 1934.

    d) Emanuel Busuttil miet fis-27 t'April 1979 u martu Marianna Busuttil mietet fis-6 ta Marzu 1978. Dawn intirtu mis-sitt itfal tagħhom u ċjoe l-komparenti Paul Busuttil (ID 519440M), u ħutu Francesco, Saviour, Agnes, Michael u John.

e) Francesco li miet fil-15 ta' Ġunju 2009 u intiret mill-komparenti Carmel, Paul, Joseph u Manwel ahwa Busuttil.

f) Savior Busuttil li miet l-Ingilterra intiret mil-uniku tifel tiegħu l-komparenti Paul Richard Busuttil,

g) Agnes mart Evaristo Zammit li mietet fil-31 ta' Awwissu 2001 u intiret miz-zewt itfal tagħha l-komparenti Joan Camilleri u Paul Zammit,

h) Michael Busuttil li miet fid-9 ta' Awwissu 2006 u intiret mit-tlett itfal l-komparenti John, Raymond u Emanuel aħwa Busuttil u

i) John Busuttil li miet fil-24 ta' Novembru 2011 u intiret mill-uniku tifel tiegħu l-komparenti Paul Busuttil

7. Illi għalhekk s-sehem tal-atturi fl-intier tal-għalqa u drittijiet rejali huwa kif ser jingħad:

| | | |
|---|---|---|
| i. | Paul Busuttil (ID 519440M) - | 1/12 |
| ii. | Carmel Busuttil (ID 936650M) - | 1/48 |
| iii. | Paul Busuttil (ID 214154M) - | 1/48 |
| iv. | Joseph Busuttil (ID 691257M) - | 1/48 |
| v. | Manuel Busuttil (ID 117667M) - | 1/48 |
| vi. | Paul Richard Busuttil (Passport 207710237) | 1/12 |
| vii. | Joan Camilleri (ID 508856M) - | 1/24 |
| viii. | Paul Zammit (ID 714457M) - | 1/24 |
| ix. | John Busuttil (ID 711758M) - | 1/36 |
| x. | Raymond Busuttil (ID 770661M) - | 1/36 |
| xi. | Emanuel Busuttil (ID 207068M) - | 1/36 |
| xii. | Paul Busuttil (ID 589460M) | 1/12 |

8. Illi l-komparenti konvenuti Vella jiddikjaraw illi huma l-ko-propjetarji ta` nofs indiviz tal-istess ghalqa u d-drittijiet rejali imsemmija. L-konvenuti oriġinali Victor

u Francis aħwa Vella wirtu dan s-sehem mingħand missierhom Saverio Vella li miet fis-7 ta Frar 1981 u skond testment fl-atti tan-Nutar Giovanni Caruana tal-31 ta' Diċembru 1961 huwa ħalla lill-imsemmija wliedu bħala eredi universali.

9. L-istess Saverio Vella kien wiret dan is-sehem mingħand missieru, Francesco Vella, liema Francesco Vella kellu sehem ta' nofs indiviz flimkien ma' huh Gaetano Vella mill-wirt ta' missierhom, l-imsemmi Gian Maria Vella sive Ġamri kif fuq ingħad.

10. Apparti dan, Victor Vella, wieħed mill-konvenuti oriġinali, miet fis-7 ta' Jannar 2016 u wirtuħ l-erba wliedu l-komparenti Victor, Josepha Chircop, Maria Facciol u Jane Bonnici, aħwa Vella.

11. Illi s-sehem individwali tal-konvenuti huwa kif ser jinghad:

| | |
|---|---|
| Francis Vella (ID 26927M) | 1/4 |
| Victor Vella (ID 275569M) | 1/16 |
| Josepha Chircop (ID 545062M) | 1/16 |
| Maria Facciol (ID 297664M) | 1/16 |
| Jane Bonnici (ID 345273M) | 1/16 |

12. Illi l-propjeta imsemmija tista tinqasam f'erba porzjonijiet kif ser jingħad:

**Porzjoni A**: din l-art fiha kejl superfiċjali ta' ċirka 462 metri kwadri u tikkonfina mil-Grigal mat-Triq ġdida bla isem li tagħti għal-Triq l-Kuċċard (liema triq ġdida hija l-porzjoni C hawn taħt indikata), mil-Lbic ma propjeta tal-komparenti Busuttil u mill-Majistral ma propjeta ta Maggie ta' certu Ġanni l-body u min-Nofsinhar mal-porzjoni B.

**Porzjoni B**: din l-art fiha kejl superfiċjali ta' ċirka 462 metri kwadri u tikkonfina mit-Tramuntana mal-Porzjoni A, mill-Grigal ma' Triq ġdida li tagħti għal Triq l-Kuċċard (liema triq ġdida hija l-Porzjoni C hawn taħt indikata), u mil-Lbiċ tas-suċċessuri fit-titolu ta Salvinu Busuttil, jew rjieħ verjuri.

**Porzjoni D**: din l-art fiha kejl superfiċjali ta' ċirka 276 metri kwadri u tikkonfina mil-Lbiċ ma' Triq ġdida li taghti għal Triq l-Kuċċard (liema triq ġdida hija l-Porzjoni C), mil-Lvant ma' propjeta ta' Bastjan Zammit u mix-Xlokk ma' propjeta certu wieħed magħruf bħala tan-Naħal jew s-suċċessuri tagħhom, jew irjieħ verjuri, u din ser tibqa indivisament bejn il-partijiet skond s-sehem rispettiv tagħhom.

**Porzjoni C**: konsistenti fid-drittijiet kollha relattivi, komprizi d-drittijiet rejali ta' kumpens (compensation rights), fuq l-art esproprijata li fiha kejl ta erba' mija u sebgħin metri kwadri (470m²) konfinanti mill-Majistral ma' Triq in-Nassab, Lbic Grigal ma' propjeta ta' Manuel Busuttil jew rjieħ verjuri u tinsab immarkata bl-aħmar bħala plot numru wieħed (1) fil-pjanta immarkata bl-ittri "P.D." u numru 2007_65 mizmuma mid-Dipartiment tal-Artijiet u publikata fl-imsemmija Gazzetta tal-Gvern u din ser tibqa indivisa bejn l-partijiet skond s-sehem rispettiv tagħhom.

13. Parti minn din l-art illum hija propjeta tal-Gvern ta' Malta wara d-dikjarazzjoni Presidenzjali tat-13 ta Gunju 2007 publikata fil-Gazzetta tal-Gvern permezz ta' avviz numru 699 fil-gazzetta tal-Gvern tat-2 t'Awwissu 2007 izda l-partijiet għandhom d-drittijiet rejali ta' kumpens u dan kif stabbilit fl-art 22 (8) tal-Kapitolu 88. (minn issa 'l quddiem msejħa "l-art esproprijata") Din l-propjeta hija hawn taħt indikata bħala l-Porzjoni C.

**Porzjoni B1**: din l-art fiha kejl superfiċjali ta' ċirka 29 metri kwadri u tikkonfina mit-Tramuntana mal-Porzjoni B, mil-Lbic ma' propjeta tas-successuri fit-titolu ta' Salvinu Busuttil u mix-Xlokk ma porzjoni B2.

**Porzjoni B2**: Din l-art fiha kejl superfiċjali ta' ċirka 5 metri kwadri u hija ta' forma trijangolari u tikkonfina mix-Xlokk u Nofsinhar ma' triq proġettata bla isem u mil-Majjistral mal-porzjoni B1

**Il-Qorti, in vista ta' dan kollu premess mill-partijiet, stante il-qbil bejniethom skont ir-rikors kongunt a fol 235, u in vista tal-ammissjoni tal-konvenuti ai termini**

**tal-istess rikors kongunt a fol 250, taqta u tiddeciedi billi fir-rigward tal-Ewwel u t-Tieni Talbiet:**

A: tiddikjara illi l-propjeta mertu tal-kawza hija art f'Ħal Safi magħrufa bħala "Ta Wara San Pawl" ta' kejl superfiċjali ta' 1699m² u tikkonfina min-Nofsinhar ma' beni tal-atturi Paul Busuttil u oħrajn, mit-Tramuntana ma' beni ta' Giovanni Vella u mill-Punent ma beni ta' Francesco Vella u mil-Lvant ma beni ta' Pawlu Vella jew s-suċċessuri fit-titolu tagħhom, jew rjieħ verjuri, kif wkoll d-drittijiet kollha relattivi għall-art esproprijata u d-drittijiet rejali ta' kumpens (compensation rights) konsegwenti għal esproprju ta' parti minnha ta' kejl superficjali ta' erba' mija u sebgħin metri kwadri (470m²) konfinanti mill-Majjistral ma' Triq in-Nassab, mil-Lbic u mill-Grigal ma' propjeta ta' Manuel Busuttil jew rjieħ verjuri u tinsab immarkata bl-aħmar bħala plot numru wieħed (1) fil-pjanta immarkata bl-ittri "P.D." u numru 2007_65 mizmuma mid-Dipartiment tal-Artijiet u publikata fl-imsemmija Gazzetta tal-Gvern.

Illi dawn huma propjeta kwantu għal-nofs indiviz lil-atturi fis-sehem segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| i. | Paul Busuttil (ID 519440M) - | 1/12 |
| ii. | Carmel Busuttil (ID 936650M) - | 1/48 |
| iii. | Paul Busuttil (ID 214154M) - | 1/48 |
| iv. | Joseph Busuttil (ID 691257M) - | 1/48 |
| v. | Manuel Busuttil (ID 117667M) - | 1/48 |
| vi. | Paul Richard Busuttil (Passport 207710237) | 1/12 |
| vii. | Joan Camilleri (ID 508856M) - | 1/24 |
| viii. | Paul Zammit (ID 714457M) - | 1/24 |
| ix. | John Busuttil (ID 711758M) | 1/36 |
| x. | Raymond Busuttil (ID 770661M) | 1/36 |
| xi. | Emanuel Busuttil (ID 207068M) | 1/36 |
| xii. | Paul Busuttil (ID 589460M) | 1/12 |

U nofs indiviz lil-konvenuti fis-sehem segwenti;

| | | |
|---|---|---|
| i. | Francis Vella (ID 26927M) | 1/4 |
| ii. | Victor Vella (ID 275569M) | 1/16 |

iii. Josepha Chircop (ID 545062M) 1/16

iv. Maria Facciol (ID 297664M) 1/16

v. Jane Bonnici (ID 345273) 1/16

Illi l-propjeta ipprevjeniet lill-partijiet kif ser jingħad:

Illi ċertu **Gian Maria sive Ġamri Vella** kien s-sid oriġinali li intiret miz-zewġt itfal, **Francesco** u **Gaetano**.

L-konvenuti huma s-suċċessuri fit-titolu ta' Francesco Vella

L-atturi huma successuri fit-titolu ta' Gaetano Vella

Illi l-atturi huma l-ko-proprjetarji ta` nofs indiviz ta` din l-ghalqa kif ser jingħad:

a) Gaetano Vella (bin Gian Maria sive Ġamri Vella) intiret minn bintu Rosaria mart Andrea Vella.

b) Rosaria Vella mart Andrea mietet fit-13 ta' Diċembru 1933 u b'testment in Atti Nutar Ettore Francesco Vassallo tal-23 ta Novembru 1933 hija ħalliet lil żewġha Andrea bħala eredi universali.

c) Andrea Vella biegħ in-nofs indiviz tal-art in kwistjoni lil Emanuel u Marianna konjuġi Busuttil permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Ettore Francesco Vassallo tat-8 ta Awwissu 1934.

d) Emanuel Busuttil li miet fis-27 ta April 1979 u martu Marianna Busuttil li mietet fis-6 ta Marzu 1978. Dawn intirtu mis-sitt itfal tagħhom u ċjoe l-komparenti Paul Busuttil (ID 519440M), u ħutu Francesco, Saviour, Agnes, Michael u John.

   Francesco li miet fil-15 ta' Ġunju 2009 u intiret mil-komparenti Carmel, Paul, Joseph u Manwel ahwa Busuttil.

Savior Busuttil li miet l-ingilterra u intiret mil-uniku tifel tiegħu l-komparenti Paul Richard Busuttil.

Agnes mart Evaristo Zammit li mietet fil-31 t'Awwissu 2001 u intiret miz-zewgt itfal tagħha l-komparenti Joan Camilleri u Paul Zammit.

Michael Busuttil li miet fid-9 t'Awwissu 2006 u intiret mit-tlett itfal l-komparenti John, Raymond u Emanuel aħwa Busuttil.

John Busuttil li miet fil-24 ta Novembru 2011 u intiret mil-unika tifel tiegħu l-komparenti Paul Busuttil.

Illi da parti tal-konvenuti oriġinali Victor u Francis aħwa Vella wirtu dan s-sehem mingħand missierhom Saverio Vella li miet fis-7 ta Frar 1981 u skond testment fl-atti tan-Nutar Giovanni Caruana tal-31 ta Dicembru 1961 huwa ħalla lil-imsemmija wliedu Victor u Francis bħala eredi universali.

L-istess Saverio Vella kien wiret dan is-sehem mingħand missieru, Francesco Vella, liema Francesco Vella kellu sehem ta' nofs indiviz flimkien ma huh Gaetano Vella.

Victor Vella, wieħed mil-konvenuti oriġinali, miet fis-7 ta Jannar 2016 u wirtuħ l-erba wliedu l-k.omparenti Victor, Josepha Chircop, Maria Facciol u Jane Bonnici, aħwa Vella.

**Ghal regward tat-Tielet talba,** l-propjeta esproprijata indikata bħala porzjoni C u hekk immarkata fuq l-pjanta Dok K li tinstab a fol 247 annessa mar-rikors konjunt u d-drittijet kollha relattivi komprizi d-drittijiet ta kumpens (compensation rights) tibqa indiviza bejn l-partijiet skond l-kwoti rispettivi indikati skond l-ewwel u t-tieni talba.

**Ghal regward ir-raba talba**, il-partjiet jaqblu li l-propjeta tiġi diviza f'sitt porzjonijiet kif ser jingħad:

**Porzjoni A**: kif fuq deskritta u immarkata fuq l-pjanta Dok K bl-ittra "A".

**Porzjoni B**: kif fuq deskritta u immarkata fuq l-pjanta Dok K bl-ittra "B".

**Porzjoni D**: kif fuq deskritta u immarkata fuq l-pjanta Dok K bl-ittra "D" u din ser tibqa' indiviza bejn l-partijiet skond s-sehem rispettiv tagħhom kif stabiliti fl-ewwel u t-tieni talba.

**Porzjoni C**: konsistenti fid-drittijiet kollha relattivi fuq l-art espropprijata kif fuq deskritta u d-drittijiet rejali ta kumpens (compensation rights) fuq l-art espropprijata fuq imsemmija u deskritta li hija immarkata fuq l-pjanta Dok K bl-ittra "C", din ser tibqa' indiviza bejn l-partijiet skond s-sehem rispettiv tagħhom kif stabilit fl-ewwel u t-tieni talba. Din l-art tifforma l-mertu tat-tielet talba.

**Porzjoni B1 u B2**: Konsistenti f'art li ser isservi bħala front garden u parti minn triq rispettivament kif fuq deskritti u immarkati fuq l-pjanta Dok K bl-ittri "B1" u "B2".

Stabbilit l-premess l-partijiet jaqblu li **<u>l-Porzjoni A</u>** minn banda u l-**<u>Porzjoni B, B1 u B2</u>** mill-banda l-oħra ser jiġu assenjati, waħda lill-atturi lkoll u indivisament bejniethom skond s-sehem rispettiv tagħhom u l-oħra lil-konvenuti lkoll u indivisament bejniethom skond is-sehem rispettiv tagħhom u tali assenjazzjoni issir permezz tax-xorti (drawn by lot) li issir mal-kuntratt ta divizjoni li qed jiġi ordnat permezz ta' din is-sentenza u wara tali assenjazzjoni huma jkollhom sehem indiviz kif ser jinghad:

**<u>L-atturi</u>**

| | | | |
|---|---|---|---|
| i. | Paul Busuttil (ID 519440M) | - | 1/6 |
| ii. | Carmel Busuttil (ID 936650M) | - | 1/24 |
| iii. | Paul Busuttil (ID 214154M) | - | 1/24 |
| iv. | Joseph Busuttil (ID 691257M) | - | 1/24 |
| v. | Manuel Busuttil (ID 117667M) | - | 1/24 |
| vi. | Paul Richard Busuttil (Passport 207710237) | - | 1/6 |
| vii. | Joan Camilleri (ID 508856M) | - | 1/12 |
| viii. | Paul Zammit (ID 714457M) | - | 1/12 |
| ix. | John Busuttil (ID 711758M) | - | 1/18 |

x. Raymond Busuttil (ID 770661M) - 1/18

xi. Emanuel Busuttil (ID 207068M) - 1/18

xii. Paul Busuttil (ID 589460M) - 1/6

**L-Konvenuti**

i. Francis Vella (ID 26927M) - 1/2

ii. Josepha Chircop (ID 545062M) - 1/8

iii. Maria Facciol (ID 297664M) - 1/8

iv. Jane Bonnici (ID 345273) - 1/8

v. Victor Vella (ID 275569M) - 1/8

Il-partijiet jaqblu li wara d-divizjoni u assenjazzjoni ta' dawn l-Porzjonijiet A, B, B1 u B2, l-ebda parti ma jkollha dritt t'aċċess fuq l-porzjoni li tiġi assenjata lill-parti l-oħra. F'dan is-sens irid jiġi speċifikat li l-partijiet f'din il-kawża qed lkoll jaqblu li fl-eventwalita` li porzjoni B, B1 u B2 tiġi assenjata bix-xorti lill-atturi, huma (l-atturi) ma jkollhomx dritt t'aċċess li b'xi mod jgħaddu minn fuq il-konfini ta` porzjoni A li tkun ġiet assenjata lil konvenuti sabiex l-atturi jew s-suċċessuri tagħhom fit-titolu jaċċedu għal għalqa proprjeta` tal-atturi li tikkonfina minn fuq wara ma` porzjoni A fuq il-pjanta Dok K u li preżentament l-atturi ddikjaraw li tali għalqa preżentament huma ko-propjetarji tagħha.

Dwar l-porzjonijiet B1 u B2, minkejja l-fatt li t-titolu ta' propjeta ser jkun vestit fil-kodividenti, dan huwa soġġett għall-patt u kondizzjoni li f'kaz din l-art jew parti minnha tiġi esprorijata, l-kumpens (compensation rights) jinqasam bejn l-ko-dividenti kollha, irrispettivament dwar lil min ġiet assenjata dik il-porzjoni.

In vista tad-dikjarazzjoni tal-atturi li ma humiex ser jitolbu dritt ta` passaġġ lil konvenuti fl-eventwalita` li meta ssir il-qasma l-atturi tiġi assenjata lilhom Porzjoni B waqt li l-konvenuti tiġi assenjata lilhom Porzjoni A, l-atturi qegħdin jiddikjaraw illi huma l-uniċi propjetarji tal-għalqa li tikkonfina minn fuq wara ta` porzjoni A, liema għalqa hija indikata bl-ittra "W" fil-pjanta Dok K (minn issa 'l quddiem msejħa "għalqa W" u li ma hemmx terzi li ma humiex parti f'din il-kawża li qegħdin fi stat ta` kompropjeta` magħhom li huma sidien magħhom fl-għalqa W li tikkonfina minn wara ma` porzjoni A, liema porzjoni markata bħala "porzjoni A" fil-pjanta Dok K hija waħda mill-artijiet mertu ta` din il-

kawża, waqt li l-għalqa W li qed issir riferenza għaliha u li tikkonfina ma` porzjoni A hekk kif indikata fuq il-pjanta Dok K, ma hix.

Din id-dikjarazzjoni saret sabiex wara li ssir id-diviżjoni tal-porzjonijiet li hemm proposti li jsiru skont il-pjanta Dok K, liema porzjonijiet huma kollha mertu ta` din il-kawża, il-konvenuti ma jiġux rinfaċċjati minn terzi għal dritt ta` passaġġ għal għalqa W minn fuq il-porzjoni A fl-eventwalitia` li din tmiss lil konvenuti meta ssir il-qasma.

Irid jiġi speċifikat u dikjarat illi din l-għalqa W li qed issir referenza għaliha u li tikkonfina minn wara ma` Porzjoni A fil-pjanta Dok K, ma tifformax parti mill-art jew artijiet mertu ta` din il-kawża imma din id-dikjarazzjoni mill-atturi qed issir in vista tad-dikjarazzjoni tagħhom fil-paragrafi ta` fuq fir-rigward li huma bħala atturi ma humiex ser jitolbu dritt ta` passaġġ lil konvenuti fl-eventwalita` li l-atturi tiġi assenjata lilhom porzjoni B waqt li l-konvenuti tiġi assenjata lilhom porzjoni A, liema porzjoni (A) tikkonfina mal-għalqa W li qed issir riferenza għaliha hawn u li hija propjeta` totalment tal-atturi u ma hemm l-ebda terz involut li ma hux parti mill-kawża odjerna.

Il-partijiet jaqblu lil l-Porzjoni D ser tibqa ndivisa bejniethom skond s-sehem rispettiv tagħhom stabbilit fl-ewwel u t-tieni talba taħt dan l-kondizzjonijiet:

a) Din l-art għandha tinbiegħ bonarjament mill-partijiet bl-aħjar prezz fuq is-suq miftuh fi zmien sena mid-data tas-sentenza finali

b) wara tali zmien, kull wieħed mill-partijiet jista jippresenta rikors sabiex din l-propjeta tinbiegħ bil-liċitazzjoni bl-ammissjoni ta’ oblaturi estraneji u minn issa stess l-Qorti taħtar lil-Perit Alan Saliba sabiex jagħmel stima u deskrizzjoni tal-propjeta, liema perit m’ghandux jibda l-inkarigu tiegħu qabel ma jghaddi t-terminu fuq imsemmi. Il-partijiet jaqblu li minn issa stess l-partijiet jistgħu joffru “animo compensandi”.

c) Jekk jkun hemm maġġoranza tal-partijiet (liema maġġoranza għandha jkollha kemm dawk mill-atturi li bejniethom għandhom mill-inqas 25% mis-sehem kif wkoll dawk mill-konvenuti li għandhom mil-inqas 25% mis-sehem) li jaqblu li jbiegħu l-propjeta lill xi ħadd, għandha tipprevali l-volonta tagħhom u għal dan

l-fini l-Qorti qegħdha taħtar lill avukat Dr. Joseph A. Schembri sabiex jidher fuq l-att oppurtun u jirrapresenta lill min mill-minoranza jibqa' kontumaċi. Għall fini ta' kjarezza, sabiex tapplika din l-eventwalita jrid jkun hemm maġġoranza tat-totalita li tinkludi kemm 50% tal-ishma tal-atturi kif wkoll 50% tal-ishma tal-konvenuti sabiex tapplika din l-klawsola.

Il-Qorti qed tinnomina lin-Nutar Margaret Heywood sabiex tippublika l-kuntratt opportun u lil Dr Joseph A Schembri bħala kuratur tal-eventwali kontumaċi u tirriserva li tiffissa l-ġurnata, hin u lok għall publikazzjoni tal-kuntratt fuq rikors tan-Nutar jew ta xi wieħed jew waħda mill-partijiet.

**Ghal regward tal-ispejjes,** il-partijiet jaqblu li l-kawza tigi intaxxata "come ammessa" fuq l-valur minimu tal-kompetenza ta din l-Qorti liema spejjez ghandhom jigu divizi skont l-ishma individwali ta' kull wiehed mill-kontendenti kif stipulati fl-ewwel u t-tieni talba izda d-drittijiet tal-avukati tal-partijiet jibgħu bla taxxa bejn l-partijiet.

Salv il-premess, il-partijiet iddikjaraw li huma m'ghandhom l-ebda pretensjoni ulterjuri kontra xulxin rigward l-mertu tal-kawza odjerna.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lin-Nutar Margaret Heywood u Dr. Joseph A. Schembri.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**